**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ġunju 2021 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Huawei Technologies (GT5)**

**(Kawża T-422/20)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GT5 – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti GT – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001) – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001) – Pubbliku relevanti – Livell ta’ attenzjoni – Rikors manifestament fondat”)***

(2021/C 310/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Sony Interactive Entertainment Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u M. Maier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O’Neill u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta’ April 2020 (Każ R 1600/2019-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Sony Interactive Entertainment Europe u Huawei Technologies.

**Dispożittiv**

1) Id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta’ April 2020 (Każ R 1600/2019-4) hija annullata.

2) L-EUIPO huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Sony Interactive Entertainment Europe Ltd.

[1] ĠU C 287, 31.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta’ Ġunju 2021 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Huawei Technologies (GT9)**

**(Kawża T-423/20)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GT9 – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti GT – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001) – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001) – Pubbliku relevanti – Livell ta’ attenzjoni – Rikors manifestament fondat”)***

(2021/C 310/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sony Interactive Entertainment Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u M. Maier, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u V. Ruzek, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1610/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sony Interactive Entertainment Europe u Huawei Technologies.

### Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-24 ta' April 2020 (Każ R 1610/2019-4) hija annullata.

2) L-EUIPO huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Sony Interactive Entertainment Europe Ltd.

---

([1]) ĠU C 287, 31.8.2020.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2021 – TrekStor vs EUIPO – Zagg (Koperturi protettivi għall-hardware tal-kompjuter)

**(Kawża T-512/20)** ([1])

***("Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta koperturi protettivi għall-hardware tal-kompjuter – Raġuni għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett mil-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur ta' Stat Membru – Artikolu 25(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Talba għal smigħ ta' xhieda – Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2021/C 310/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* TrekStor GmbH (Bensheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch u N. Willich, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Zagg Inc. (Midvale, Utah, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: T. Schmitz u M. Breuer, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ġunju 2020 (Każ R 294/2019-3) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn TrekStor u Zagg.

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) TrekStor GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 378, 9.11.2020.